TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 365/10

**Edward & Maria Carmela Scerri**

**vs**

**Golden Travel Club Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mitejn u tmienja w erbgħin ewro (€1,248), rappreżentanti spejjeż li nkorrew r-rikorrenti għat-tour li marru ġewwa Corfu.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu marru tour ġewwa Corfu u li kienu ħallsu l-flus ta' żewġ *excursions*, liema *excursions* ma sarux u għalhekk qed jitolbu l-flus lura u tad-danni morali.

L-intimat issottometta illi ż-żewġ excursions ta' 'Corfu Town & Sea Lion Show' u 'Mainland Greece' ma sarux għax ma kellhomx biżżejjed nies ibbukjati. Illi għal dan in-nuqqas ħaduhom bix-xarabank 'Corfu Town' u minflok 'Mainland Greece' ħaduhom 'Sidari' u ta' dan kienu rikonoxxenti u ma lmentaw qatt.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-intimat ħadhom fuq tours oħrajn għalkemm mhux tax-xelta tagħhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tad-danni morali tar-rikorrenti, u jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament fl-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888